**Omelija fil-Funzjoni tal-Passjoni (2001) f'San Pietru, Ruma.**

**Mill-Predikatur tal-Papa,**
**P. Raniero Cantalamessa O.F.M.Cap.**

***"Issa se jitkecca l-princep ta' din id-dinja" (Gw. 12:31).***

L-Evangelista San Luqa, fit-tmiem tar-rakkont tieghu fuq it-tentazzjonijiet ta' Gesu', jghid li *"mbaghad ix-xitan, telaq min hdejh sa ma wasal il-waqt"* (Lq. 4:13). Gesu' stess jindikalna meta dan ***"il-waqt"*** wasal u sehh, ghaliex meta qorbot il-passjoni, qal: *"Il-gudizzju ta' din id-dinja qieghed isir issa. Issa se jitkecca l-Princep ta' din id-dinja".* (Gw. 12:31).

Din hija l-interpretazzjoni unanima li nghatat mill-kittieba tat-Testment il-Gdid, fuq il-mewt ta' Gesu'. Kristu, tghidilna l-Ittra lill-Lhud: *"b'mewtu jeqred is-setgha ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jigifieri x-xitan"* (Lh. 2:14).

Il-Passjoni ta' Kristu, certament, ma ghandnix nillimitawha biss ghar-rebha fuq Satana. Ghandha sinifikat wisq aktar wiesgha u posittiv; Hu *"kellu jmut...biex jigbor gemgha wahda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin"* (Gw. 11:52). Imma tkun tnaqqas il-mertu tal-passjoni ta' Kristu jekk tnehhi dan l-aspett ta' rebha fuq ix-xitan, kif ukoll fuq id-dnub u l-mewt..

Din it-taqbida tkompli, wara l-mewt ta' Kristu, fil-gisem tieghu. Fl-Apokalissi jinghad, li mirbuh minn Kristu, *"id-dragun imtela bil-korla ghall-Mara, u mar biex jaghmel gwerra mal-bqija ta' nisilha"* (Ap. 12:17). Ghaldaqstant l-Apostlu Pietru jwissi lill-Insara: *"Kunu meqjusa u ghassu. L-ghadu taghkom ix-Xitan qisu ljun jghajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla'".* (1 Piet. 5:8).

Dan kollu mmarka l-esistenza tal-insara f'kull zmien bil-karattru drammatiku ta' glieda, anzi glieda *"mhux kontra d-demm u l-laham"* (Ef. 6:12). Ir-rit tal-maghmudija jirrifletti dan billi fir-rit tal-bidu nigu mitluba naghzlu: "*Tichad ghax-xitan? - Temmen fi Kristu?"*

Imma allura, ma nbidel xejn bil-mewt ta' Kristu? Baqa' kollox l-istess? Ghal-kuntrarju! Il-qawwa ta' Satana m'ghadhix libera biex tagixxi ghall-iskopijiet tieghu. Hu jagixxi ghal xi skop tieghu u jsib li akkwista propju l-kuntrarju;

isib, li minghajr ma jrid, ikun qed jaqdi lill-Gesu' u l-qaddisin tieghu. Huwa "dik il-potenza li jrid dejjem iwassal ghall-hazin u minflok jaghmel il-gid" [1]

Alla jinqeda bl-agir tax-xitan biex l-maghzulin tieghu jaslu halli jippurifikaw u jumiljaw lilhom infushom. *"U li ma mmurx nintefah bija nnifsi minhabba fil-kobor tar-rivelazzjonijiet, tqeghditli xewka f'gismi, messaggiera tax-Xitan, biex toqghod tniggizni halli ma nintefahx".* (2 Kor. 12:7). Innu "spiritual" tas-suwed jghid l-istess haga b'ton leggier imma li hu ezatt hafna teologikament. *"Ix-xwejjah Satana hu mignun u kattiv. Spara tir biex joqtol lir-ruh tieghi. Imma zbalja l-mira u laqat dnubi"*[2]

Imma issa dan kollu wasal fi tmiemu. Fuq Satana waqa' is-silenzju; il-glieda issa hi biss kontra "id-demm u l-laham", jigifieri kontra il-hsara li tolqot lill-bniedem fil-laham il-haj. Il-Kittieb tad-demitizzazzjoni kiteb: *"Ma tistax tuza d-dawl elettriku u r-radju, ma tistax, f'kas ta' mard, tirrikorri biex tfiq ghal medicina u fl-istess hin temmen fl-ispirti"* [3] Hadd qatt ma kien daqshekk kuntent li jkun demitizzat daqs id-demonju, jekk hu veru - kif intqal - *li "l-akbar makakkerija tieghu qeghda fill-fatt li jgaghlna nemmnu li hu ma jezistix".* [4]

Il-bniedem tal-lum huwa fil-veru sens allergiku meta jissemma dan l-argument. Tant hu hekk li spicca jaccetta spjegazzjoni li tikkalmah. Ix-xitan? Huwa biss t-totalita' tal-hazen morali tal-bniedem, huwa sempleciment personifikazzjoni simbolika, xi mit, jew l-inkonxju kollettiv inkella l-aljenazzjoni kollettiva.

Meta il-Papa Pawlu VI azzarda jfakkar lil Insara fuq "il-verita' kattolika" li x-xitan jezisti ("Il-hazen", qal f'okkazzjoni ohra, "m'huwiex biss nuqqas, imma efficjenti, esseri haj, spiritwali, pervers u jwassal ghal perversjoni. Realta' terribbli, misterjuza u tbezza" [5]) kien hemm diversi, frott ta' din il-kultura, li skandalizzaw ruhhom u qattghu lbieshom.

Ergajna rajna l-istess haga fil-bidu ta' dan ir-Randan, meta <un presule> taljan gibed l-attenzjoni fuq dan il-punt tal-fidi nisranija. *"Insejna li fil-passat uzajna d-demonji biex nippersegwitaw is-shahar, l-ereticI u ohrajn bhalhom?"* Le, hbieb tieghi lajci, dan ma nsejnihx, imma, kien ghal istes skopijiet, li nqdejna - u ghadna ninqdew - b'Alla iktar milli bid-demonju. Inwarrbu} ukoll lil Alla?

---

[1] W. Goethe, Faust, l-ewwel parti, Fl-Istudju.
[2] Spiritual. "O rocks, don't fall on me".
[3] R. Bultmann, Nuovo Testamento e mitologia. Brescia 1970 p. 110.
[4] Ch. Baudelaire.
[5] Ara Pawlu VI. "Ehlisna mid-deni" Diskors tal-15 ta' Novembru 1972.

Hafna li jemmnu u xi whud mit-teologi fl-ahhar jaslu jhallu lilhom infushom ikunu nfluwenzati: "Iva, nistghu naslu li tikkuntentana bizzejjed, b'mod effettiv, l-ipotesi simbolika, l-ispjegazzjoni mitika jew dik psikanalitika..." Hemm min jahseb li l-Knisja tirrinunzja ghal din il-fidi fil-mument li titkellem dejjem anqas. (Imma l-Katekizmu tal-Knisja Kattolika juri il-kuntrarju).

X'inhu r-rizultat ta' dan is-silenzju? }aga tassew stramba. Satana, imkecci mill-bieb, rega' dahal mit-tieqa; imkecci mill-fidi rega' dahal mis-superstizzjoni. Id-dinja moderna, dinja ta' teknologija u ndustrija, hija dinja miksija bis-shahar, spiritisti, dawk li jaqraw l-istilel, bejjieha tal-maghmuli u amuleti, kif ukoll mimlija bis-setet satanici, veri u propji.

Il-qaghda taghna llum ma tantx hi differenti min dik tas-sekli XIV- XVI, li, disgrazzjament, baqghu msemmija minhabba l-importanza li matulhom inghataw il-fenomeni diabolici. M'ghandnix izjed torturi ghall-imxajtna, kacca ghas-shahar u affarijiet minn dawn, imma il-prattika li fic-centru taghha hemm id-demonju, kif ukoll il-vittmi fizikament u moralment ta' din il-prattika, m'humiex anqas illum minn dak iz-zmien. Dawn m'humiex biss il-fqar u l-populin. Sar fenomenu socjali - u kummercjali! - ta' certa proporzjonalita'.

Gazzetta Amerikana, li tohrog kull gimgha, ta' fama mondjali, ftit zmien ilu, ghamlet ricerka fuq it-twemmin fid-demonju fi zminijietna. Tolqotni il-konkluzzjoni ta' wiehed intellettwali li gie ntervistat. Hu qal li l-habi tax-xitan, ma kkontribwix biex il-hajja tal-bniedem fid-dinja ssir aktar kalma u razzjonali, imma ghal kuntrarju rrenditna aktar miftuhin u lesti naccettaw l-izbalji tal-hazen. M'hemm xejn li jkexkxek aktar min hekk.

Huwa veru li dawk li jichdu l-esistenza tax-xitan, ghandhom x'jiskuzhom. Dak li huma jafu fuq is-suggett, - kasijiet ta' possessjoni diabolika, stejjer u films ta' esorcizmi - hemm kwazi dejjem spjega patologika ghalihom, li facli ssibha. Jekk ghandhom xi tort, dan hu li jieqfu hawn, u jinjoraw ghal kollox il-livell l-iehor fejn l-ispjega patologika ma tikkonvincix.

Din hija ripetizzjoni ta' l-equivoku li waqa' fih Freud u tant ohrajn warajh: minhabba li habbat wiccu ma kazijiet ta' nervosi religjuza (ghaliex dawn ghalhekk irrokkerrew ghandu) hu spicca jemmen li r-religjon fiha nfisha m'hix hlief nervosi. Bhal meta xi hadd jixtieq jistabbilixxi l-livell tas-sahha mentali ta' xi belt, u jzur biss il-manikomju tal-lokal.

L-aqwa prova li x-xitan jezisti ma ssibhix fil-midinbin u dawk li huma mxajtna, imma fil-qaddisin. Hija verita' li x-xitan hu prezenti u jahdem, b'forom ta' hazen estremi u disumani, tant f'individwi kif ukoll b'mod kollettiv, imma hawnhekk qieghed f'daru u jista' jinheba taht elf kopja u kontrafiguri. Jigi

bhal certi nsetti, li ghandhom tattika li jinhdew billi jiehdu l-kulur tal-post fejn ikunu.

Ghal kuntrarju, fil-hajja tal-qaddisin ikun kostrett li johrog fil-berah, li jmur "kontra d-dawl", l-agir tieghu jispikka bhall-iswed fuq l-abjad. Fil-Vangelu stess, il-prova l-akar konvincenti tal-esistenza tad-demonju ma tohrogx mill-istorja tal-helsien ta' l-imxajtnin (xi kultant, infatti, difficli tiddisgwi fuq x'kienu jemmnu f'dawk iz-zminijiet rigward l-origini ta' certu mard) daqskemm mill-episodju tat-tentazzjoni ta' Gesu'.

Min hafna min ftit, imma il-qaddisin kollha u dawk ta fidi qawwija (xi whud minnhom nies intellettwali tal-prima kwalita') jaghtu xhieda tal-glieda taghhom kontra din ir-realta' mdallma. San Frangisk t'Assisi darba minnhom stqarr ma habib intimu tieghu, "Kieku l-Ahwa jafu kemm tribulazzjoni u wgieh jaghtuni d-demonji, ma kienx ikun hemm hadd minnhom li ma jimtelix bil-hniena u l-kompassjoni ghalija". [6]

San Frangisk li kiteb b'tant serenita' l-Kantiku tal-holqien hu l-istess wiehed li tqabad mad-demonji: Santa Katerina ta' Siena li hi mnaqqxa fl-istorja anki politika ta' zminijietha, hi l-istess wahda, li l-konfessur taghha, iddikjarha "martirizzata" mid-demonji.[7] Patri Piju li fassal id-Dar ta' serhien mit-tbatija hu l-istess wiehed li fl-iljieli kellu jikkumbatti f'taqbida tal-genn mad-demonji. Ma tistax taqsam il-personalita' taghhom u tikkoncentra fuq parti wahda. Dan imur kontra l-onesta' u wkoll kontra kull psikologija. Nies bhal dawn ma ggildux kontra l-irdieden tar-rih.

Hawnhekk tirrepeti ruha l-istorja ta' Gob (ara Gob 1:6ss). Alla "jpoggi" f'idejn Satana lil hbieb l-aktar gheziez tieghu biex jaghtihom l-opportunita' li juru li huma ma jaqduhx ghax jaqblilhom. Jaghtih setgha mhux biss fuq il-gisem taghhom, imma, xi drabi, ukoll fuq ir-ruh taghhom, jew almenu fuq parti minnha. Fl-1983 kienet ibbeatifikata soru karmelitana, Marija ta' Gesu' Kurcifiss, msejjha Arbija minhabba li hi ta' origini palestinjana. F'hajjitha, meta kienet diga' mxiet hafna fil-qdusija, kien hemm zewg perjodi ta' vera u propja possessjoni diabolika, li hi kollha dokumentata fil-process.[8] Imma dan zgur li mhux kas uniku.

Ghaliex allura, wkoll fost dawk li jemmnu, xi whud donnhom ma jindunawx b'din il-battalja tremenda minn taht li ghaddejja fil-Knisja? Ghaliex tant ftit juru li jisimghu l-ghajjat li jkexkex tal-"iljun" li jdur ifittex lil min jibla'? Semplici. Huma jfittxu id-demonju fil-kotba, imma d-demonju ma

[6] Specchio di perfezione, 99 (FF, n. 1798)
[7] B. Raimondo da Capua Vita di s. Caterina 128, 347, 417.
[8] Cfr. P. Estrate, Il piccolo nulla. Vita della B. Maria di Gesu' Crocifisso, Ed Agami 2000, pp 67 ss.

jinteressawhx il-kotba, imma l-erwieh,  u ma tiltaqax mieghu meta tfittex l-istituti universitarji, il-bibloteki, imma meta tfittex l-erwieh.

Hemm imbaghad kontradizzjoni ohra li xi drabi issibha f'dawk li jemmnu. Dawn ihallu lilhom nfushom ikunu mpressjonati minn dak li jahsbu fuq l-esistenza tax-xitan, l-intellettwali ta' mentalita' "lajka", bhallikieku jista' jkun hemm xi bazi komuni ta' djalogu maghhom.  Kultura li tiddikjara lilha nfisha atea ma tistax temmen fl-esistenza tad-demonju;  anzi, iva, ma temminx.  Tkun haga tal-biki kieku kienu jemmnu fl-esistenza tad-demonju, meta ma jemmnux fl-esistenza t'Alla.

X'jistghu jkun jaf fuq Satana min dejjem kellu x'jaqsam biss ma l-idea, r-rapprezentazzjoni  u t-tradizzjoni etnologika fuqu u mhux mar-realta' tieghu? Dawk li jaghmlu lista tal-fenomeni li tipprezenta l-kronaka bhala diabolicI (possessjoni, patt max-xitan, kacca ghas-shahar..)  u mbaghad jikkonkludu triumfanti  li din kollha superstizzjoni u x-xitan ma jezistix, jixbhu lil dak l-astranawta russu li ddecida li Alla ma jezistix,  ghaliex hu dar mad-dinja fl-ispazju u ma ltaqgha mieghu mkien.  Fiz-zewg kasijiet, kienu qed ifittxu fin-naha zbaljata.

Wara li ghidna dan, nistghu u ghandna npoggu f'postha l-pusizzjoni tax-xitan. Fil-Kristjanizmu,  Satana m'ghandux importanza daqs jew kuntrarja ghal dik ta' Kristu.  Alla u x-xitan m'humiex zewg principji fuq l-istess linja, eterni u ndependenti minn xulxien, kif jikkunsidrawhom f'xi religjonijiet dwalistici. Skond il-Bibbja, id-demonju m'huwiex hlief holqien t'Alla "li mar zmerc";  kull ma hemm posittiv fih gej minn Alla, imma hu jghawweg u jikkorrompi kollox, waqt li juzah kontra tieghu.  Tahsbu li hekk spjegajna kollox?   Le.   L-esistenza tal-}azin tibqa' misteru, kif hi wkoll l-esistenza tal-hazen b'mod generali,  imma wara kollox dan m'huwiex l-uniku misteru fil-hajja...

Min naha l-ohra m'hux ezatt li tghid li ahna nemmnu *fix*-xitan.  Ahna nemmnu *f'*Alla u *f'*Gesu' Kristu, imma ma nemmnux *fix*-xitan, jekk bil-kelma "temmen" tifhem tafda f'xi hadd jew tintelaq f'idejh.  Nemmnu  li jezisti demonju, mhux *"fid-*"demonju;  huwa oggett, u fil-fatt xi haga negattiva fil-fidi taghna, u bl-ebda mod m'hu il-motiv jew il-ghan tal-fidi.

M'hemmx raguni ghaliex ghandna nibzu minnu b'mod eccessiv.  Wara l-migja ta' Kristu, jghid awtur antik "id-demonju huwa marbut, bhal kelb bil-katina;  ma jistax jigdem, jekk mhux lil min jisfida l-periklu, u jersaq lejh.  Jista'  jzieghel, jista' jhajjarna, imma ma jistax jigdem, jekk ahna ma rriduhx.  Infatti, hu

jaghmlilna hsara, mhux bil-forza imma bil-perswassjoni; ma jiehux il-kunsens min ghandna billi jimponi ruhu, imma billi jhajjarna". [9]

It-twemmin fl-esistenza tad-demonju ma jnaqqasx il-liberta' umana. Biss irridu nkunu attenti li ma niftghux fuqu r-responsabbilta' ghal kull zball li naghmlu, jew ghal kull gwaj li jitfacca. Li tara d-demonju kullimkien huwa hazin daqs li ma tarah imkien. "Meta jigi akkuzat, id-demonju jifrah. Sahansitra hu jixtieq li inti takkuzah, jaccetta bil-qalb kull akkuza, jekk din tghin biex Izzommok 'l boghod mill-qrar". [10]

Nikkonkludu billi mmorru lura ghal liturgija. Wiehed mill-Patres tal-Knisja jiddeskrivi hekk dak li gara fuq il-Kalvarju fil-Gimgha l-Kbira. Immagina, jghid, li fl-arena, jkun hemm lotta qalila. Wiehed kuragguz ikun hadha ma tirann krudil mill-istess belt, u b'sofferenza u tbatija kbira, jirbahlu. Inti, izda, tkun fil-platea, sempliciment spettatur; u ma tkunx ikkumbattejt, ma tkunx thabatt u weggajt. Imma jekk tammira lill-kuragguz, jekk tifrah bir-rebha tieghu, jekk int ddommlu kuruni, theggeg u tincita l-assembeja favurih, jekk int tmil quddiemu bil-ferh, tbuslu rasu u taghfaslu jdejh; insomma, jekk tant ticcelebra, li r-rebha qisha tkun tieghek, jien nghidlek li inti zgur ikollok sehem mill-premju tar-rebbieh" [11]

Niftakru f'dawn il-kelmiet, meta, min hawn u ftit iehor, ikun merfghuh f'nofsna il-Kurcifiss u ahna nersu Lej} biex inbusulu riglejh.

Traduzzjoni mit-Taljan: P. Ugo Cremona O.P.

[9] S. Cesario di Arles, Discorsi, 121, 6 (CC 103, p 507)
[10] S. Agostino, Sermoni, 20, 2 (CC 41, p. 264).
[11] Cfr s.Giovanni Crisostomo, De cemeteri (PG 396) e N. Cabasilas, Vita in Cristo 1, 5 (PG 150, 517)